Qorti tal-Appell

(Komptenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 58/2009/2

**Joseph u Carmen konjugi Borg (intimati)**

**Vs**

**Edgar Bonnici maghruf ahjar bhala Edgar Bonnici Cachia (rikorrenti)**

It-Tnejn, 27 ta' Awissu 2018.

Fit-22 ta' Dicembru, 2017 ir-rikorrent Edgar Bonnici Cachia ppropona kawza ta' ritrattazzjoni mis-sentenza ta' din il-qorti tat-22 ta' Settembru, 2017 li biha cahdet l-appell tieghu mis-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-28 ta' Novembru 2016 li biha kien kundannat jizgombra mill-fond Flat 2, Frida Flats, Triq Naxxar, Birkirkara.

1. It-talba ghar-ritrattazzjoni hi bazata fuq dawn ir-ragunijiet:

*"6. Illi hija l-umli opinjoni tal-esponent li mis-sentenza ta' 22 ta' Settembru 2017, hemm lok ghal ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*7. Illi fit-trattazzjoni maghmula minn dina l-Qorti tal-provi prezentati mill-atturi, saret applikazzjoni hazina tal-Ligi peress illi r-rekwizit legali naxxenti mill-Artikoli 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri Civili, illi tigi prodotta l-ahjar prova mill-parti li fuqha jinkombi illi taghmel din il-prova ma giex osservat mill-istess atturi, u anke mill-perit inkarigat mill-Qorti illi pproducew provi inferjuri mill-ahjar provi illi huma ddikjaraw li kellhom, b'dan illi l-Qorti accettat dawn il-provi inferjuri bhala l-ahjar prova.*

*8. Illi ghaldaqstant sare applikazzjoni tal-Ligi hazina ai termini tal-Artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*9. Illi peress illi fis-sentenza msemmija, dina l-Qorti strahet, kif jirrizulta mir-ratio decidendi, fuq id-dikjarazzjoni tal-imsemmija atturi illi kienet dovuta lilha kummissjoni mis-socjeta attrici n-nuqqas ta' kera, liema dikjarazzjoni ghal kollox falza u qarrieqa.*

*10. Illi peress illi ghaldaqstant, is-sentenza giet hekk mittiehda bil-qerq ta' wahda mill-partijiet fil-kawza bil-hsara tal-ohra ai termini tal-artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".*

2. It-talba fir-rikors promotur taqra hekk:

*"1. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Joseph Borg u martu Carmen Borg ghal kull interess li jista' jkollha vs Edgar Bonnici maghruf ahjar bhala Edgar Bonnici Cachia, u dan stante illi kif fuq premess, jezistu r-ragunijiet kontemplati mil-ligi ghar-ritrattazzjoni skont l-artikolu 811(a) u 811(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili"*.

3. Fit-13 ta' Frar, 2018 l-intimati pprezentaw twegiba li fiha taw ir-ragunijiet ghalfejn it-talba ghandha tkun michuda.

4. Il-qorti tibda billi tosserva li r-rikors promotur fih nuqqas ghaliex ir-rikorrent ma talabx ir-revoka tas-sentenza ta' din il-qorti tat-22 ta' Settembru, 2017. F'proceduri ta' din ix-xorta hu maghruf li hemm zewg stadji distinti u separati minn xulxin. L-ewwel stadju hu dak imsejjah bhala *in rescindente* li fih il-qorti ma taghrbilx mill-gdid il-meritu tal-appell, izda trid tillimita ruhha jekk jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a) u (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Fir-rikors promotur irid ikun hemm talba espressa sabiex tithassar is-sentenza (ara f'dan is-sens **Supermarkets (1960) Limited vs Mario Cachia nomine et** deciza minn din il-qorti fis-7 ta' Lulju, 2003). Talba li ma saritx fil-kaz in ezami, u n-nuqqas ta' talba bhal dik twassal ghan-nullita tar-rikors promotur.

5. F'kull kaz fil-meritu jirrizulta li r-rikorrent kien jikri minghand l-intimati l-appartament numru tnejn (2), Frida Flats, Naxxar Road, Birkirkara. Waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju, 2018 ipprezenta l-kuntratt ta' lokazzjoni tal-appartament numru 2, St Julian's Flats, Naxxar Road, B'kara. Minn dak li spjega ma jirrizultax li qatt kellu l-pussess ta' dak il-fond. Min-naha l-ohra fill-kopja tal-kuntratt li pprezentaw l-intimati fil-kawza ta' zgumbrament 58/2009 jissemma l-blokk Frida Flats (ara fol. 2). Hu evidenti li dak id-dokument hu fotokopja tad-dokument li r-rikorrent ipprezenta fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2018. L-uniku differenza hi li filwaqt li fid-dokument li pprezentaw l-intimati jissemma Frida Flats, fil-kuntratt li pprezenta r-rikorrent jissemma St. Julian's Flats. Mid-dokument li pprezentaw l-intimati (ara Dok. A a fol. 2 tal-proceduri ta' zgumbrament), il-kelma Frida giet mizjuda minflok St. Julian's.

6. Li hu cert hu li l-intenzjoni originali ta' sid il-kera u l-inkwilin kienet li l-kirja tkun ta' appartament numru 2 fil-blokk Frida Flats. Tant hu hekk li r-rikorrent inghata biss pussess tal-imsemmi appartament.

7. B'riferenza ghal dak li jinghad fis-seba' paragrafu tar-rikors promotur, ma jirrizultax li l-Bord Li Jirregola l-Kera kien inkariga perit. Il-qorti zzid li paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 japplika fil-kaz ta' zball ta' ligi. Zball li jsehh meta, *"il-Qorti tkun applikat dispozizzjoni ta' ligi flok ohra li kellha propjament tigi applikata"* (ara **Buhagiar vs Jani Limited** tas-27 ta' Gunju

2018 li hi sentenza ta' din il-qorti). Ir-rikorrent ma semmiex disposizzjoni tal-ligi li applikat din il-qorti fid-decizjoni li tat, u bbaza l-ilment biss fuq il-fatt li din il-qorti m'applikatx l-artikolu 559 tal-Kap. 12 li jipprovdi li l-qorti ghandha tordna li ssirilha l-ahjar prova. Pero' din mhijiex raguni valida ghal finijiet ta' paragrafu (e) tal-artikolu 811. Inoltre quddiem din il-qorti ta' revizjoni, fl-appell l-aggravju tar-rikorrent ma kellu x'jaqsam xejn mar-regola tal-ahjar prova izda dwar il-validita tan-notifika tal-ittri ufficjali minhabba li kunjomu inkiteb 'Bonnici Mallia' meta fil-fatt hu Bonnici Cachia (ara l-uniku aggravju tar-rikors tal-appell, fol. 4 u 5).

8. Dan apparti li fl-istadju meta l-proceduri kienu ghadhom qeghdin jinstemghu mill-Bord, ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu. Ghalhekk kellu kull opportunita li jipprezenta l-kuntratt ta' lokazzjoni li pprezenta issa fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018. Il-proceduri ta' ritrattazzjoni m'ghandhom qatt iservu sabiex tressaq provi godda li kienu disponibbli ghalija fl-ewwel proceduri.

9. Il-qorti tosserva wkoll kif fil-proceduri quddiem il-Bord ir-rikorrent ma tax eccezzjoni li l-kopja tal-kuntratt ta' lokazzjoni mehmuz mar-rikors promotur, ma kienx il-kuntratt li ffirma ma' sid il-kera. L-istess jekk wiehed jaqra t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-avukat li ddefenda lir-rikorrent u li saret quddiem il-Bord (seduta tal-14 ta' April, 2016). Mhemm l-ebda accenn ghall-kopja tal-kuntratt li pprezentaw ir-rikorrenti. Lanqas ma jirrizulta li nsista li sidien il-kera jipprezentaw il-kuntratt originali. Sahansitra kien xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011 (fol. 43) u m'ghamel l-ebda accenn ghall-kopja tal-kuntratt li pprezentaw ir-rikorrenti. Iktar minn hekk fir-rikors tal-appell li pprezenta fis-16 ta' Dicembru, 2016 l-uniku aggravju kienet kontestazzjoni dwar il-validita' tal-ittri ufficjali ghal finijiet tal-artikolu 9(i) tal-Kap. 69.

10. B'riferenza ghall-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-paragrafu (a) tal-Kap. 12, ir-rikorrent stess qal li ma fehemx l-argument li hemm f'paragrafu disgha (9) tar-rikors promotur. Ma jirrizultax li dan il-kaz ghandu x'jaqsam ma' hlas ta' *commission*. Ghal finijiet ta' din id-disposizzjoni l-qerq irid ikun wiehed gudizzjarju, fis-sens li jrid ikun inerenti mal-proceduri li jkunu wasslu ghas-sentenza li tigi mpunjata fil-proceduri ta' ritrattazzjoni. F'dan il-kaz mhemmx prova li l-intimati wettqu xi qerq meta l-proceduri kienu fl-istadju tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu**.

Anthony Ellul.